

# Għandek aptit ftira tajba?

Ingredjenti:

- Ftira
- Kunserva
- Żejt
- Landa tonn taż-żejt
- Ftit żebbuġ
- Ġbejna tal-bżar
- *Sweet corn*
- Fażola
- Bżar
- Werqa ħabaq



Importanti:



a) Qabel tibda, aħsel idejk!!

b) Imsaħ il-bank sew.

Segwi struzzjoni (b) kemm qabel ma tibda kif ukoll wara li tispiċċa tiekol.

## X’għandek bżonn aktar?



- Oħroġ sikkina tal-ħobż
- Oħroġ sikkina żgħira
- Mgħarfa
- Furketta
- Użа injama
- Platt
- Sarvetta tal-karti



## Il-Metodu

- ✓ Aqsam il-ftira fi tnejn. Uża s-sikkina tal-ħobż.
- ✓ Idlek il-ftira bil-kunserva. Uża s-sikkina ż-żgħira.
- ✓ Itfa’ ż-żejt bil-mod.
- ✓ Iftaħ il-landa tat-tonn taż-żejt. Neħħi ż-żejt. B’furketta, aqilbu għal fuq il-ftira.
- ✓ Qatta’ ż-żebbuġ.
- ✓ Iftaħ il-landa tal-*isweet corn*. Armi l-ilma. Itfa’ ftit. Uża l-imgħarfa.
- ✓ Qatta’ l-ġbejna tal-bżar roti roti. Uża s-sikkina ż-żgħira.
- ✓ Qassam ftit fażola fuq il-ftira.
- ✓ Qatta’ ftit ħabaq għat-togħma.
- ✓ Roxx il-bżar.
- ✓ Aqsam il-ftira fi tnejn. Poġġiha fuq il-platt. KUL GĦAL QALBEK !!!

